MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 71/2003

**John u Luigia konjugi Attard**

**vs**

**Paul Axiak**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Talli fil-15 ta’ Marzu 2002, il-konvenut qabad u sserra l-bieb ta’ boat shelter sitwat fil-bajja ta’ Mgarr ix-Xini, Xewkija, Ghawdex, liema boat house hija moghtija b’enchroachment lill-atturi Luigia Attard u ikkaguna hsara fl-istess bieb fl-ammont ta’ mija u seba’ u tletin lira u hames centezmi (LM137.05c) kif jirrisulta mill-annessi Dokumenti ‘A’, ‘B’, ‘C’, ‘D’, ‘E’, u ‘F’ u kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-avviz;

Peress illi l-istess konvenut ghamel u kkaguna l-istess hsara bil-hsieb li jesercita xi dritt li huwa jew haddiehor jippretendu li ghandhom fuq dina l-kamra ossija boat house;

Jghid l-istess konvenut ghaliex huwa:

(i) m'ghandux jigi dikjarat responsabbli ghall-istess incident li fih soffrew hsarat l-atturi.
(ii) m'ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta' mija seba' u tletin lira u hames centezmi (Lm137.05c0m) hsarat minnu kkagunati lill-atturi. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra r-risposta:

1. Illi l-konvenut ma ried bl-ebda mod jikkawza danni fil-fond in kwistjoni izda ried biss jaccedi ghall-istess proprjeta' illi taghhom ommu, li hija komproprjetarja mal-atturi u dan skond testment tal-genituri ta' omm il-konvenut u tal-attrici Louise Attard, permezz ta' testment "unica charta" datat il-21 ta' Frar 1998. Dan ghamlu bil-kunsens u l-approvazzjoni ta' ommu kompropjetarja u ko-possessur tal-imsemmi fond u li ghalhekk kienet – almenu skond il-precezzjoni legalment gustifikata tal-eccipjent – intitolata tawtorizza l-ingress tal-eccipjent fl-imsemmi fond.

2. Illi jidher illi l-atturi ottenew id-detenzjoni esklusiva tal-fond in parola billi vjolentement u klandestinament biddlu s-serratura tal-istess. Tali imgieba ma hiex tutelata mill-Ligi hlief sa fejn huwa espressament despost f'dan is-sens fil-Ligi."

Din ir-risposta dahlet tardivament. Giet npprezentata mill-konvenut innifsu waqt is-seduta tat-8 t'Ottubru 2003 f'liema seduta gew pprezentati l-kapitoli mill-attur.

Ra n-Nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut imharrek iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenut ma deherx sabiex jikkontesta t-talba attrici fis-seduta tal-lum u dan minghajr ma gieb ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM137.05c lill-attur bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------